MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Rikors Kongunt Numru. 157/2012

**AB**
**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ir-rikors kongunt;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu, 2012;

Rat illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Dicembru 2001;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi kif xehdu bil-gurament taghhom ilhom de facto separati ghal minn lanqas dawn l-ahhar hames (5) snin;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi gie ippruvat ukoll illi huma irrinunzjaw ghad-dritt illi jircievu, jew jitolbu manteniment minghand xulxin u illi appena ir-rikorrenti CB jibda jahdem jibda ihallas lir-rikorrenti AB manteniment ghal ibnu minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------